MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 483/2009

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Renzo Spiteri u l-istess Renzo Spiteri**

**vs**

**Joseph Brincat u Roderick Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Dicembru, 2009 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum jew minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident li gara fl-1 ta' Awissu 2008 gewwa Birzebbugia meta mhabba negligenza u imprudenza da parti tal-konvenuti jew minn minnhom waqghet gallarija fuq il-vettura numru NBT 111

propjeta’ ta’ Renzo Spiteri u li kien dak il-hin kienet ipparkjata u b’hekk giet ikkagunata hsara f’din il-vettura.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi attrici fl-ammont ta’ sitt telef, tmien mija u erba’ u sittin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€6,864.48) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi, u dana in kwantu ghas-somma ta’ sitt elef, tmien mija u disa’ Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€6,809.48) lil Gasan Mamo Insurance Limited u in kwantu ghas-somma ta’ hamsa u hamsin Ewro (€55.00) lil Renzo Spiteri.

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 20 ta’ Ottubru 2008.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (€25.00), ta’ Ittra Ufficjali mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 20 ta’ Ottubru 2008 u ta’ Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru. 3679/09 pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-istess konvenuti li jibqaw minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Joseph Brincat pprezentata fil-31 ta’ Mejju 2010 fejn eccepixxa:

*1. “It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*2. L-esponent ma ghandu ebda relazzjoni legali ma’ l-atturi u konsegwentement in kwantu diretti kontra tieghu it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.*

*3. F’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-atturi u konsegwentement mhux responsabbli ghall-hsara li tista’ tirrizulta li soffrew b’rizultat tal-istess.*

*4. F’kull kaz u bla pregudizzju, l-atturi ghandhom jipprovaw skond il-ligi l-fatti kollha allegati minnhom.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat illi s-socjeta’ GasanMamo Insurance Limited fit-12 ta’ Novembru 2010 ipprezenta s-segwenti: Dok. A li hu r-Rapport tal-Pulizija, Dok. B li hu Survey report li sar fuq il-vettura numru NBT 111 propjeta’ tal-assikurat Renzo Spiteri, Dok. C li hu kopja tad-discharge Receipt iffimata minn Renzo Spiteri li turi li huwa rcieva l-ammont ta’ €9,600 u Dok. D li huwa kopja tal-Log Book tal-vettura numru NBT 111.

Rat ir-risposta ta’ Roderick Azzopardi pprezentata fit-3 ta’ Dicembru 2010 fejn eccepixxa bir-rispett:

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha ghas-segwenti ragunijiet:

1. *Preliminarjament ghax preskritti ai termini ta’ l-Artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.*
2. *Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-insostenibilita’ ta’ l-azzjoni fil-konfront ta’ l-intimat esponent stante illi ma hemm ebda ness bejn l-allegat incident u l-esponent.*

3. *Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-esponent ma jahti ghall-ebda incident indikat mill-attrici u wisq anqas jista’ jigi misjub responsabbli ghall-istess incident u kkundannat ihallas xi forma ta’ danni.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-atturi.”*

Rat illi s-socjeta’ rikorrenti GasanMamo Insurance Limited pprezentat nota ta’ osservazzjonijiet fid-9 ta’ Dicembru 2010 dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni fejn esponiet:

*“Illi filwaqt li taghmel referenza ghar-Risposta pprezentata minn Roderick Azzopardi u partikolarment ghall-eccezzjoni sollevata minnu tal-preskrizzjoni ai termini tal-*

*Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed teccepixxi fl-ewwel lok illi l-Avviz meritu ta' dawn il-proceduri gie ippresentat fl-1 ta' Dicembru 2009 fil-waqt illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh fl-1 ta' Awissu 2008.*

*Illi ghalhekk huwa car illi dawn il-proceduri gew intavolati entro s-sentejn minn meta sehh l-incident.*

*Illi huwa minnu illi Roderick Azzopardi setgha gie notifikat b'dawn il-proceduri wara li kienu ghaddew sentejn izda dana ma fissirx illi l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tieghu, kif huwa qed jissugerixxi fir-Risposta tieghu. Apparti l-artikolu 2131 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jaghmel referenza ghal diversi decizjonijiet li dejjem sostnew illi l-preskrizzjoni tieqaf ghaddejja hekk kif appena tigi intavolata l-kawza, vide fost ohrajn, Henry Ellul Sullivan vs Joseph Dimech, Deciza 13/10/1998 Qorti tal-Appell; Lawrence Formosa pro et noe. Vs Winex Holdings Limited Cit 576/2002 deciza 24/11/2010; u Gabriel vs Farrugia Cit Nru. 1083/2002 Deciza 26/20/2009.*

*Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Roderick Azzopardi li tirrigwarda l-insostenibilita ta' l-azzjoni fil-konfront tieghu stante illi skond hu ma' hemm ebda ness bejnhu l-allegat incident, l-esponenti jaghmel referenza ghar-Rapport inhejji mill-Pulizija (li kopja tieghu qed tigi ezebita bhala Dok LB) fejn jidher car illi Joseph Brincat kien gabbad lil gharus tat-tifla tieghu, u cioe lil Roderick Azzopardi, biex ghamel il-wire, li kif sejjer jirrizulta waqt il-gbir tal-provi jidher li kien il-kagun tal-incident.*

*Illi in vista tal-premess l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, u cioe l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16, u l-insostenibilita ta' l-azzjoni ghandhom jigu michuda.*

*Ghal kull bon fini is-socjeta' esponenti qed tesebixxi wkoll bhala Dok LB 1 u LB 2 ritratti li juru l-opramorta u gallarija li waqqaw u l-vettura dannegjata."*

Rat li fis-sentenza preliminari taghha fl-ismijiet premessi datata 22 ta’ Frar 2011, fejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Azzopardi giet michuda u l-Qorti ordnat il-kontinwazzjoni tal-kaz.

**Piju Spiteri** xehed nhar is-6 ta’ April 2011 u ddikjara illi hu ghandu proprjeta’ villeggjatura, seven (7), Pretty Bay, Birzebbugia. Ghal xi perjodu ta’ bejn sentejn u sentejn u nofs kien silifha lit-tifel biex jghix go fiha. It-tifel tieghu jismu Renzo Spiteri u huwa sid il-vettura MBT 111. Huwa qal illi xi jumejn qabel il-festa ta’ San Pietru ta’ Birzebbugia kien hemm sid ta’ kiosk li rema’ proprju faccata r-residenza taghhom u qal illi ibnu ma kienx id-dar u xi hadd mhux maghruf kien habbat il-bieb adjacenti ghar-residenza taghhom fejn fiha toqghod ohtu u qalilha li kien ser jorbot cable mal-gallarija tal-proprjeta’ tieghu minn faccata tat-triq. Ohtu qalet lil dan li ma kinitx proprjeta’ taghha u biex ikellem lin-neputi cioe’ iben ix-xhud li joqghod *next door*.

Sussegwentement irrizulta lix-xhud illi dan l-istess persuna rabat mal-gallarija tieghu, ghamilha biss gholi ta’ sular, fejn kiosks ohrajn joghlew zewg sulari. Sussegwentement jaf li ghaddiet xi vettura, qabdet il-wire, gibdet il-cable, waqqatlu parti mill-faccata, xi seba’ knaten. Il-gallarija hija wiesgha madwar ghoxrin pied u hija tal-ferrobattuto mqabbez u parti mill-gebel tal-gallarija u l-gallarija waqghu fuq il-karozza tat-tifel. Dak il-hin ohtu kienet hdejn il-bieb ta’ barra tad-dar taghha u rat l-incident isir.

**Mary Anne Spiteri** xehdet nhar il-11 ta’ Mejju 2011 u spjegat illi hija toqghod Hal Ghaxaq u ghandha villeggjatura gewwa Pretty Bay, Birzebbugia. Il-fond ghandu numru  sitta (6) u jismu Edelview u bieb ma’ bieb maghha fin-numru sebgha (7) ghandu villeggjatura ħuha Piju Spiteri, u l-post tieghu ghandu gallerija ghal barra.

Spjegat li dakinhar tal-incident kien jum il-Gimgha, u ghall-habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu (9.30a.m.) xi hadd kien cemplilha l-qanpiena tal-bieb, u kien hemm xi guvnott, daqsxejn qsajjar, u staqsiha jekk il-gallerija

kienetx taghha u naturalemnt hija wegibtu li l-gallerija ma kienitx taghha, izda kienet ta’ ħuha. Tennet li dak iz-zmien kien qed jghix in-neputi taghha, certu Renzo Spiteri f’dan il-post. Qallha li kien habbat mal-bieb tieghu imma ma fetahlu hadd. Qaltlu li kienu johorgu ghax-xoghol u li f’dawk il-hinijiet ma jkun hemm hadd. Qallha li ried iwahhal il-wire tal-hot dog, u jorbot mal-gallerija in kwistjoni peress li kienet gejja l-festa xi jumejn wara. Qaltlu biex jghid lilhom ghaliex hija ma ghandhiex permess titkellem ghal haddiehor. Taf li mar lura lejn il-gabbana u kien hemm xi persuna qed taghmel xi wire faċċata ta’ din il-gallerija, u x-xhud dahlet lura gewwa darha.

Taf illi kien ix-xahar ta’ Awissu ghall-habta tal-ghaxra u nofs (10.30) u regghet harget ghaliex kienet se tahsel il-bankina però kien ghad hemm hafna xemx. Iddecidiet li l-ewwel tlesti gewwa mbaghad taghmel barra wara nofsinhar. Fethet il-bieb u ghaddiet habiba taghha u qaltilha biex tidhol gewwa ghaliex kien hemm hafna xemx, u qaghdu jitkellmu bejn il-bieb u l-antiporta. Fid-daqqa u l-hin semghet hoss kbir, speci ta’ spluzzjoni u rat ġebel niezel fuq il-karozza tan-neputi Renzo u l-gallerija nizlet fl-art. Kien hemm dizastru shih. Il-wire baqa’ mqabbad mal-gallerija xorta ghalkemm kien imqaccat ghaliex dak il-hin kien ghaddej scammel tar-riciklagg, u tahseb li laqghat il-wire hu u ghaddej u gibed il-gallerija. Dak il-hin bejnha u bejn ruhha qalet “Mela xorta rabat il-habel mal-gallerija minghajr ma tah permess hadd?!” Qabditha roghda u ma kienitx taf kif se taqbad tghid lil ħuha b’dak li kien gara. Il-habiba taghha qaghdet maghha sakemm jmur xi hadd mill-girien taghha, ħuha jew in-neputi. Dawk tal-gabbana ma kienux ghadhom hemm. Kienu rabtu l-wire u lahqu telqu ‘l hemm.

Imbaghad marru ħuha u n-neputi u sabu dizastru shih. In-neputi kellu l-karozza tieghu mfarrka, imbaghad taf li gew il-pulizija u komplew bl-investigazzjoni huma. Però taf li sid il-gabbana ma setghu isibuh imkien dak il-hin. Waqt l-incident il-gabbana kienet ghadha fuq il-post. Hija tikkonferma li tal-gabbana, il-persuna li kellmet kien tfajjel, qsajjar, però x’jismu ma tafx. Hija taf li kien daqsxejn

bjond qisu Ingliz. Qalet illi l-persuna li habtitilha l-bieb ghamel hekk ghall-habta tad-disgha (9.00) u hija harget barra ghall-habta tal-hdax u nofs (11.30). Hija ma rat lil hadd jorbot ma' din il-gallerija. Però l-wire li kien hemm imqabbad mal-gabbana kien marbut ukoll mal-gallerija.

**Renzo Spiteri** xehed nhar il-11 ta' Mejju 2011 u kkonferma li ghamel xi zmien jghix fil-fond numru sebgha 7, Pretty Bay, Birzebbuga. Ftakar li darba minnhom fis-sajf kien hareg ghax-xoghol bhas-soltu, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (7.30 a.m.). Ghall-habta tal-kwarta, in-nofs siegha kien ircieva telefonata minghand ommu u qaltlu li jkun ahjar jekk imur lura Birzebbuga ghaliex kien hemm xi problema dwar il-vettura tieghu li kienet qalghet xi daqqa.

Huwa ghalhekk mar fuq il-post u effettivament kien sab dizastru. Huwa sostna li kien ra li l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 206, NBT 111, kienet bidlet ix-*shape* tant illi spiccat total loss. Jaf illi kienu waqghu xi knaten u gallerija u illi effettivament bil-piz kienet tghaffget. Ikkonferma illi l-gallerija tal-fond fejn kien joqghod kienet waqghet mal-art. Ra habel cioè wire ohxon iswed marbut mal-hadid tal-gallerija, dan kien wire tal-elettriku, imqaccat. Faccata tal-gallerija kien hemm gabbana bil-parti l-ohra tal-istess wire. Gie muri fol 50 tal-process u qal illi hemmhekk hemm zewg ritratti tal-fdalijiet tal-gallerija, waqt li t-tieni parti ta' dan id-dokument hemm ir-ritratt tal-kjosk. A fol 49 hemm ritratt tal-karozza tieghu bid-danni kif ukoll il-gallerija.

Huwa kien inxurjat mal-kumpanija Gasan Mamo. L-insurance policy tieghu kienet wahda *comprehensive* u kienet is-socjetà Gasan & Mamo li halset tat-tiswijiet tal-vettura tieghu. Lilu hadd ma kellmu fuq il-wire.

Mistoqsi jekk tkellimx ma' sid il-gabbana dwar dan l-incident jghid li le, ma tkellimx. Fil-fatt qalulu biex ma jkellmux. Mistoqsi jekk meta wasal fuq il-post il-wire l-iswed kienx konnettjat mal-gabbana jghid li le, kien maqtugh. Kull ma seta' jghid hu li ra parti mill-wire mdendel mal-gallerija u parti mill-istess tip ta' wire

mdendel mal-gabbana. Fil-fatt ma kien hemm l-ebda parti tal-wire mdendel mad-dar. Kien ma' l-art marbut mal-gallerija.

Ix-xhud jahseb li l-fond in kwistjoni nbena qabel is-sittinijiet, però mhux cert ghaliex huwa ta' ħu missieru. Però jaf li kien kkundizzjonat tajjeb ghaliex missieru dilettant u jiehu hsieb l-affarijiet. Fil-fatt din l-gallerija tant kienet mibnija tajjeb illi ma nizlitx hi wahidha izda nizzlet ma' parti mill-hajt.

L-affarijiet li kellhom jinbidlu huma deskritti fis-survey li jinsab inserit fil-process. Ix-xhud stqarr li f'dan il-fond kien ilu jirresiedi kwistjoni ta' xhur. Naturalment jaqbel li l-post huwa l-villeggjatura ta' missieru u naturalment kien imur fih meta jmur izur lill-ġenituri. Ma jafx li qatt wahhlu xi wire mal-gallerija tal-faccata taghhom.

**L-Ispettur Priscilla Caruana** xehdet fit-22 ta' Gunju 2011 fejn qalet li giet mitluba sabiex taghti informazzjoni dwar incident stradali li sehh l-1 ta' Awwissu 2008 gewwa Birzebbugia meta waqghet gallarija fuq vettura NBT 111 propjeta ta' Renzo Spiteri. Hija stqarret li kienet infethet inkjesta fuq dan l-incident, il-Magistrat kien Antonio Mizzi u fost l-esperti li kienu gew nominati kien hemm il-Perit Richard Aquilina, Philip Zammit u PS 612 mill-Forensika. Dakinhar kien hemm il-festa Birzebbugia u taf li kien hemm kiosk ipparkjat fix-Xatt fuq in-naha tax-xellug, propju mal-bahar. Hija tiftakar li hija kienet kellmet lis-sid ta' dik il-gabbana dakinhar filghaxija li hu certu Joseph Brincat u qalilha li l-gharus tat-tifla tieghu, certu Roderick Azzopardi, kien rabat il-habel tal-kiosk mal-faccata tar-residenza. Huwa kien qalilha li dana kien wire ta' l-elettriku. Sussegwentement l-Ispettur kienet baghtet ghal Roderick Azzopardi u dan kien irrilaxxja statement liema statement jinsab fil-pussess taghha.

**Colin Cassar** xehed fit-22 ta'Gunju 2011 fejn iddikjara illi huwa jahdem bhala *motor surveyor* ma' GasanMamo Insurance. Gie mitlub jesebixxi stima jew ahjar *survey* li huwa ghamel in konnessjoni mal-incident li sehh fl-1 ta' Awwissu 2008 gewwa Birzebbugia. Huwa esebixxa dan

ir-rapport li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. CC. Esebixxa wkoll ritratti annessi ma’ dan is-survey. Huwa ghadda kopja ta’ l-istess lill-kontro- parti.

Rat illi nhar it-13 ta’ Lulju 2011 regghet xehdet **l-Ispettur Priscilla Caruana**, u esebiet kopja tal-istatements li hadet ta’ Roderick Azzopardi u ta’ Joseph Brincat, mehuda nhar il-5 ta’ Awissu 2008. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala dokument “PC" u “PC1” rispettivament.

**Max Borg Bonello** fil-kariga tieghu ta’ *senior supervisor* mas-socjeta’ attrici xehed fid-9 ta’ Novembru 2011. Huwa esebixxa prospett tad-danni in konnesjoni mal-*claim* in kwistjoni liema dokument gie bhala dokument Z. Ix-xhud esebixxa wkoll is-survey report relattiv li gie mmarkat bhala Dok Z1, kopja tal-log book tal-vettura li gie mmarkat bhala Dok Z2 kif wkoll id-discharge receipt li giet mmarkata bhala Dok Z3.

**Il-konvenut Joseph Brincat** xehed nhar id-29 ta’ Frar 2012 u kkonferma li huwa jopera gabbana u jahdem fiha flimkien ma’ xi impjegati tieghu. Qal li meta ikun hemm festa huwa jarma l-gabbana. B’referenza ghall-incident u cioe’ dak li sehh gewwa B’Bugia, ftakar li kienu wasslu t-truck fil-post in kwistjoni ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu u ipparkjah quddiem ir-residenza ta’ xi nies. Ghaddew il-wires tal-elettriku u qabduhom mal-faccata tat-truck. Tenna li kien hu li qabbad il-wire. Qal li kien hemm arlogg tad-dawl tal-Gvern imwahhal mal-hajt ‘l fuq mill-gallerija li huwa indika bl-ittra ‘x’ fuq ir-ritratt li esebixxa. In effetti qal li kien hu stess li kien applika ghal dan l-arlogg tad-dawl u ghalhekk kien qabbad ma’ dan l-arlogg. Imbaghad dendel il-wire mal-cable tal-Gvern u imbaghad qabdu mal-kaxxa tieghu li tkun imdendla minn fuq. Huwa esebixxa zewg ritratti li gew immarkati bhala dok Z1 u Z2 rispettivament u ikkonferma li sakemm dam fuq il-post ma kien hemm xejn imwahhal mal-gallerija tal-familja Spiteri. Mistoqsi x’tip ta’ wire hu, wiegeb li huwa wire normali hxuna ta’ sigarett. Mistoqsi ma xhiex kien kien qed izomm min naha l-ohra tat-triq qal li effettivament kien qed izomm ma’ arblu f’nofs it-triq li kien stirat imdendel minn naha ghal ohra. Mistoqsi kemm kien gholi minn mat-triq qal li kien l-gholi tal-

gallerija. Tenna li baqa’ hemmhekk sa xi tmienja u kwart ta’ filghodu. Ikkonferma li mieghu kien hemm il-konvenut l-iehor Roderick Azzopardi pero’ wara li ramaw, telqu minn fuq il-post . Huma hallew il-gabbana maghluqa ghaliex il-festa tibda fil-ghaxija u aktar tard ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs inhar kienu cemplulu mill-ghassa u infurmawh li kienet waqghet il-gallerija. Mistoqsi jekk kienx minnu jekk xi hadd minnhom kienx staqsa lis-sinjura Spiteri li toqghod faccata tal-gabbana jekk setghux iwahlu il-wire tal-gallerija wiegeb li le. Effettivament kien Roderick Azzopardi li kien staqsiha setghax jaqbez ghal fuq il-bejt taghha biex ikun jista’ iwahhal il-wire tieghu mal-kaxxa tal-Gvern u qatlu li ma setghetx ittih permess ghaliex il-post ma kienx taghha. Ghalhekk Roderick uza is-sellum sabiex wehhel il-wire mal-kaxxa tal-Gvern. Muri ir-ritratt esebit fl-atti a fol. 50 u jekk il-wire hemm indikat hux l-istess wire li huma wehlu, wiegeb li iva dak kien l-istess li wehlu mal-kaxxa tal-Gvern. Mistoqsi jisjega kif spicca imwahhal mal-gallerija tenna li ma jafx.

**Il-konvenut Roderick Azzopardi** xehed nhar is-6 ta’ Gunju 2012 fejn qal illi l-konvenut Joseph Brincat, li huwa l-kunjatu tieghu, ghandu truck u marru sabiex jipparkjawh gewwa Birzebbugia u jqabbduh mad-dawl sabiex jippreparaw ghal filghaxija peress li kien hemm il-festa. Fil-fatt kien ix-xhud li tella’ it-truck Birzebbuga u ipparkjawh ma gemb il-bahar, fuq in-naha tal-bahar. Is-sur Brincat qallu biex jorbot il-wire tad-dawl u ghalhekk ix-xhud tela’ mas-sellum, ma’ hajt faccata tat-trakk, ghamlu ma’ grampun tal-Enemalta ftit ‘il fuq mill-gallarija li kien hemm. Fil-fatt kien staqsa lill-gara jekk setax jitla fuq il-bejt sabiex iwahhal il-wire, pero’ l-gara qaltlu li l-bejt ma’ kienx taghha, izda kien ta’ ma gembha, hemmhekk ma kien hemm hadd ghalkemm hu habbat u ma fetahlu hadd. Mistoqsi mill-Qorti x’ghamel fil-gallarija tal-hadid wiegeb li ma ghamel xejn. Gie muri ritratt tal-parti ta’ fuq ta’ pagna 50 u mistoqsi mill-Qorti kif effettivament dan il-wire spicca imgerbeb mal-hadid ferro battuto tal-gallarija, qal li ma jistax iwiegeb ghax ma jafx kif spicca hemm. Ikkonferma pero’ li l-gabbana murija fir-ritratt isfel ta’ pagna 50 hija l-gabbana li kienu biha huma. Il-wire pero’ muri fir-ritratt ta’ fuq huwa l-istess wire li ghamlu uzu minnu huma. Pero’

ikkonferma li ma gerbux mal-gallarija. Huwa wahhal il-wire mal-holqa li hemm mal-hajt.
Semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jirrimetti ruhu ghall-atti processwali kif del resto ghamel ukoll l-avukat difensur tal-konvenut Roderick Azzopardi u dana fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012.
Semghet lill-avukat difensur tal-konvenut Joseph Brincat jittratta il-kawza fl-istess seduta tas-27 ta' Gunju 2012 fejn sostna li din il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront tal-patrocinat tieghu ghaliex ma ngabet l-ebda prova li huwa kien wehhel il-wire mal-gallerija ta' Spiteri jew li del resto ta' xi istruzzjoni lill-haddiem tieghu il-konvenut l-iehor Roderick Azzopardi sabiex jaghmel dan. Spjega illi l-fatt li nstab wire imwahhal ma' gallerija ma jfissirx li kienu l-konvenuti li ghamlu hekk, u fil-fatt jghid li skond ix-xhieda moghtija mill-konvenuti bil-gurament, it-tnejn stqarrew li l-wire wahluh mal-ganc li kien hemm fuq il-kaxxa tad-dawl tal-Gvern. Jghid ukoll li minn meta gie imwahhal il-wire sakemm sehh l-incident ghadda zmien konsiderevoli u kienu ghaddew numri ta' vetturi u ma gara xejn u ghalhekk zgur li l-incident ma sehhx tort tal-konvenut Brincat.

Ikkunsidrat:

Is-socjeta' attrici qed tibbaza il-pretensjonjiet taghha fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel *ex nunc*. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghall-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-atturi jintefa l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-konvenuti u d-dannu minnhom soffert (ara Dr**. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe,** PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (**art. 1030 Kodici Civili**). Dan il-qies insibuh fl-**Artikolu 1032(1)** fejn il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Armata b'dawn il-principji l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-atturi kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni li qabdu u wahlu l-wire mal-gallerija ta' Renzo Spiteri. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mill-fatti ghalkemm l-entita' taghhom tigi diskussa fi stadju ulterjuri. Li dawn il-hsarat sehhew meta allegatament l-konvenuti qabdu u wahlu wire mal-gallerija tas-Sur Spiteri u ghadda truck u gibed il-gallerija ghal fuq il-karozza tas-Sur Spiteri. Pero' l-atturi ma jistghux jieqfu hawn. Iridu jippruvaw illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenuti jew persuni mqabbda minnhom.

Il-gurisprudenza tghallimna illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien il-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*" ('**Emanuel Ciantar vs David Curmi et',** P.A. 28/03/2003).

Jigi enfasizzat dak li intqal fis-sentenza '**Joseph Grech vs Emanuel Ellul pro et noe',** deciza nhar is-27 ta'Gunju 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:

*"Sabiex ikun hemm lok ghad-danni irid ikun hemm ness ta' kawzalita' bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza"* .

Illi l-atturi resqu bhala xhud principali lil **Mary Anne Spiteri** u din spjegat illi ghandha villeggjatura bieb ma' bieb ma ta' huha Piju Spiteri u dan f'Pretty Bay, B'Bugia. Spjegat li dakinhar tal-incident ghal habta tad-9.30a.m. kien mar xi hadd ghandha u talabha jekk setghax iwahhal

il-wire tal-kiosk tal-*hot dogs* mal-gallerija. Hija spjegatlu li l-gallerija ma kinitx taghha izda ta' huha u li dak il-hin ma jkunx id-dar. Qaltlu biex jghid lilu ghaliex hija ma ghandhiex permess titkellem ghal haddiehor. Taf li mar lura lejn il-gabbana u kien hemm xi persuna qed taghmel xi wire faċċata ta' din il-gallerija, u dahlet hija dahlet lura f'darha.

Taf li fid-daqqa u l-hin semghet hoss kbir, speci ta' spluzzjoni u rat ġebel niezel fuq il-karozza tan-neputi Renzo Spiteri u l-gallerija nizlet fl-art. Kien hemm dizastru shih. Il-wire baqa' mqabbad mal-gallerija xorta ghalkemm kien imqaccat ghaliex dak il-hin kien ghaddej scammel tar-riciklagg, u tahseb li laqghat il-wire hu u ghaddej u gibed il-gallerija. Qalet li imbaghad kien hemm dizastru shih – il-gallerija imfarrka fuq il-vettura ta' Renzo Spiteri.

**Piju Spiteri** kkonferma li kien silef l-post tieghu ta' villegjatura lill-ibnu Renzo Spiteri ghal xi zmien u kkonferma li ibnu huwa sid. Spjega li nhar l-1 ta' Awwissu 2008 kienet cemplitlu ohtu u qaltlu li l-gallerija tad-dar tieghu kienet iggarfet u waqghet fuq il-vettura ta' ibnu. Huwa mar fuq il-post u sab li kien hemm wire imqabbad mal-gallerija li kien gholi ta' sular, fejn kiosks ohrajn joghlew zewg sulari. Sab li ghaddiet xi vettura, qabdet il-wire, gibdet il-cable u waqqatlu parti mill-faccata - xi seba' knaten. Ikkonferma li l-gallerija hija wiesgha madwar ghoxrin pied u hija tal-ferrobattuto mqabbez u parti mill-gebel tal-gallarija u l-gallarija waqghu fuq il-karozza tat-tifel.

**Renzo Spiteri** ikkonferma li nhar l-1 ta' Awwissu 2008 kien ircieva telefonata minghand ommu u qaltlu li jkun ahjar jekk imur lura Birzebbugia ghaliex kien hemm xi problema dwar il-vettura tieghu li kienet qalghet xi daqqa. Huwa ghalhekk mar fuq il-post u effettivament kien sab dizastru kif muri fir-ritratt a fol. 49 tal-atti . Tant li l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 206, NBT 111, kienet bidlet ix-*shape* tant illi spiccat total loss. Jaf illi kienu waqghu xi knaten u gallerija u illi effettivament bil-piz kienet tghaffget. Jikkonferma illi l-gallerija tal-fond fejn kien joqghod kienet waqghet mal-art. Ra habel, cioè wire

ohxon iswed marbut mal-hadid tal-gallerija. Dan kien wire tal-elettriku mqaccat. Faccata tal-gallerija kien hemm gabbana bil-parti l-ohra tal-istess wire kif muri fir-ritratt a fol. 50 tal-process. Ikkonferma li kien inxurjat mas-socjeta' attrici b'polza comprehensive li halsitu tad-danni li sofra.

**Max Borg Bonello** ghan-nom tas-socjeta' attrici jghid li s-socjeta' attrici halset lil Renzo Spiteri l-ammont ta' sitt telef, tmien mija u erba' u sittin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€6,864.48) bhala *total disbursements in full and final settlement* tal-claim tieghu kif jirrizulta mid-*discharge receipt* esebita fl-atti a fol. 137.

Illi ghalhekk permezz tas-suespost l-atturi ipprovaw li verament Renzo Spiteri sofra danni fil-vettura tieghu u li dawn gew kagunati billi ingibdet il-gallerija tad-dar ta' missieru fuq il-vettura tieghu, pero' sa issa ma pprovatx li kienu l-konvenuti li ghamlu din l-hsara.

Il-konvenuti xehdu f'dawn il-proceduri u kienu wkoll irrilaxxjaw stqarrija lil ufficcjal investigattiv l-Ispettur Priscilla Caruana. Minn ezami ta' dawn id-dokumenti u cioe ' Dok PC u PC1 jirrizulta li l-konvenut Joseph Brincat kellu kiosk ipparkjata faccata ir-residenza tal-familja Spiteri u nhar l-1 ta' Dicembru 2008 kien talab lill-gharus ta' bintu l-konvenut l-iehor Roderick Azzopardi sabiex iwahhal il-wire li minnu jiehdu l-elettriku. Brincat jghid li l-wire kien imwahhal ma' holqa u mhux mal-gallerija kif del resto qal ukoll Roderick Azzopardi. Jidher pero' li Azzopardi ikkonferma dak kollu li qalet Mary Anne Spiteri u cioe' li kien habbat il-bieb taghha u talabha permess sabiex iwahhal il-wire. Illi din ix-xhieda giet konfermata minnhom viva voce il-Qorti.
Il-konvenuti ma gabu l-ebda prova salv ix-xhieda taghhom sabiex isostanzjaw it-tezi taghhom jew addirittura icahdu dak li allegat is-socjeta' attrici. . Is-socjeta' attrici pprezentat numru ta' ritratti u minn ezami taghhom jirizulta illi l-wire li ingibed effettivament kien mghannaq mal-hadid tal-gallerija li giet migbuda. L-avukat difensur tal-konvenut Brincat jghid pero' dan wahdu ma jfissirx li kienu l-konvenuti li wahluh. Il-Qorti issostni li l-avukat ghandu ragun pero' din il-prova ghandha titqies li tifforma holqa

minn katina ta’ provi ohra. Il-Qorti tistaqsi x’kienet ir-raguni ghaliex Mary Anne Spiteri tghid a fol. 82 tal-atti li l-konvenuti marru jitolbuha permess sabiex iwahlu il-wire meta setghu facilment jaghmlu dak li qed jghidu li ghamlu bis-sellum minghajr l-intervent taghha. Huwa minnu li l-konvenut Joseph Brincat fix-xhieda tieghu jichad dan, pero’ ighid li vera kellimha sabiex isaqsiha jekk setghax jitla’ fuq il-gallerija sabiex iwahhal il-wire mal-kaxxa tal-Gvern. Din ix-xhieda ta’ Brincat tidher inveritiera ghaliex ma taghmilx sens li jitlob premess *ut sic* sempliciment sabiex titla’ fuq gallerija meta kellu sellum. In oltre meta gie mistoqsi mill-Qorti kemm kien gholi il-wire jghid li kien gholi tal-gallerija u ma jghidx li kien ‘l fuq mill-gallerija livell tal-kaxxa li hija ferm ghola mill-gallerija. Il-Qorti tghid li l-konvenuti marru jitolbu permess sabiex iwahlu l-wire u nonostante li ma ottjenewx il-permess wahluh xorta u kien dan l-agir arroganti li wassal ghall-incident mertu tal-kawza fejn gew kawzati id-danni reklamati mis-socjeta’ attrici. Ghalhekk din il-Qorti hija propensa temmen dak li stqarret ix-xhud tas-socjeta’ attrici ta’ kif sehh l-incident ghaliex ghandu aktar mis-sewwa.

Illi ghalhekk dwar il-mertu, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta’ attrici ipprovat n-ness bejn l-incident u d-danni sofferti minnnha u in oltre li huma l-istess konvenuti in solidum li ghandhom iwiegbu ghat-talba attrici stante li d-danni li sofriet is-socjeta’ attrici sehhet minhabba in-negligenza ta’ l-istess konvenuti u konsegwentement, in solidum, ghandhom jigu kkundannati ihallsu d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici. Jirrizulta li l-attur Renzo Spiteri diga’ thallas tal-excess li kien hallas fl-ammont ta’ hamsa u hamsin Ewro (€55) mid-discharge receipt iffirmata minnu.
Dwar il-quantum mitlub mis-socjeta’ attrici ma jirrizultax li dan gie kontestat u a dirittura l-konvenuti ma resqu l-ebda prova sabiex jikkontestaw l-ammont mitlub minnha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tiddikjara li l-incident li sehh nhar l-1 ta’ Awissu 2008 sehh tort uniku tal-konvenuti u li ghalhekk tiddikjara li qed izzommhom responsabbli ghad-danni sofferti mis-**

**socjeta' attrici u tillikwida d-danni sofferti minnha fl-ammont ta' sitt telef, tmien mija u erba' u sittin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€6,864.48), liema somma ghandha tinghata lis-socjeta' attrici mill-konvenuti in solidum. Dwar it-talba tal-hamsa u hamsin Ewro (€55) ghall-attur Renzo Spiteri, ghar-raguni fuq imsemmija, din il-Qorti qeghda tichadha.**

**Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------